

Brussell, 21 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10355/22

FISC 137  
ECOFIN 632

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill Ewropew
Nru. dok. preċ.:	9873/1/22 REV 1 FISC 126 ECOFIN 576 CO EUR-PREP 19
Suġġett:	Rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa

---

1. Il-Kunsill Ecofin ġie mistieden jirrapporta lill-Kunsill Ewropew dwar diversi kwistjonijiet ta' taxxa kif jissemmew, b'mod partikolari fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu u Ġunju 2012, Mejju 2013, Diċembru 2014 u Ottubru 2017.
2. Fit-2 ta' Ġunju 2022 il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) ħejja u approva abbozz ta' rapport tal-Ecofin dwar kwistjonijiet ta' taxxa għall-Kunsill Ewropew, biex jiġi ppreżentat lill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2022 permezz tal-Coreper. Ġie maqbul ukoll li l-aġġornamenti fattwali tas-soltu (il-partijiet fil-parentesi kwadri) ser isiru mis-SĠK wara l-laqgħa tal-Kunsill qabel ma toħroġ il-verżjoni finali tar-rapport.
3. Il-Kunsill (Ecofin) approva r-rapport bħala punt A fis-17 ta' Ġunju 2022. Kif maqbul, is-SĠK għamel aġġornamenti fattwali fir-rapport fl-Anness għal din in-nota, li qed jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kunsill Ewropew.

**RAPPORT TAL-ECOFIN LILL-KUNSILL EWROPEW DWAR KWISTJONIJIET TA'  
TAXXA**

1. Dan ir-rapport tal-Kunsill jipprovdi ħarsa ġenerali tal-progress miksub fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Franċiża, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-aktar fajls importanti li qed jiġu nnegożjati fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rapport tħejja abbażi ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP) li koprew kwistjonijiet tal-politika tat-tassazzjoni orizzontali ta' rilevanza strateġika, f'konformità mal-mandat tiegħu.
2. Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-ħidma rilevanti tal-Kunsill u jkopri kwistjonijiet imsemmija f'diversi konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew mill-2012 'l hawn<sup>1</sup>, id-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021<sup>2</sup>, il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-VAT tal-2012<sup>3</sup> u tal-2016<sup>4</sup>, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali" tal-2017<sup>5</sup>, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE<sup>6</sup>, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2020 dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha<sup>7</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. EUCO 4/3/12 REV 3 (punti 9 u 21), EUCO 76/12, EUCO 75/1/13 REV 1, EUCO 14/17 (punt 11), EUCO 10/20 (punti A29 u 147) u EUCO 13/20.

<sup>2</sup> Dok. 18/21.

<sup>3</sup> Dok. 9586/12.

<sup>4</sup> Dok. 9494/16.

<sup>5</sup> Dok. 15175/17.

<sup>6</sup> Dok. 8482/20.

<sup>7</sup> Dok. 13350/20.

3. Wara l-pandemija tal-COVID-19, bil-korpi preparatorji tal-Kunsill jerġgħu jibdew jiltaqgħu bi preżenza fiżika, il-Presidenza Franċiża kompliet il-ħidma fuq fajls ewlenin, inkluż it-traspożizzjoni tat-tieni pilastru tad-Dikjarazzjoni tal-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar soluzzjoni b'żewġ pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, il-futur tal-VAT u aġġornamenti għal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif ukoll l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa. Minħabba l-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa, bil-parteċipazzjoni kompliċi tar-Repubblika tal-Belarużja, kontra l-Ukrajna, il-presidenza Franċiża kellha wkoll diskussjonijiet dwar it-titjib tal-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE permezz ta' użu msaħħaħ possibbli tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa u strumenti oħra tal-infurzar tat-taxxa.
4. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:
- a) għamel progress tajjeb lejn ftehim dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni;
  - b) adotta d-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud;
  - c) approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku;
  - d) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza fuq il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirristruttura l-qafas tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni); u
  - e) beda l-eżami tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa.

5. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi) kompli ulterjorment ukoll il-ħidma tiegħu fuq id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat attwali tiegħu, inkluż fuq il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif stabbilit fir-rapport ta' kull sitt xhur tiegħu<sup>8</sup>. L-aħħar li ġiet aġġornata l-lista tal-UE kien mill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2022<sup>9</sup>. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dossiers individwali tinsab hawn taħt.

## **A. INIZJATTIVI FIL-QASAM TAL-LIĠI DWAR IT-TAXXA TAL-UE**

### **a) Tassazzjoni korporattiva**

#### *i. Sfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija*

*– Livell minimu globali ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali tal-UE ("Pilastru 2")*

6. Fit-8 ta' Ottubru 2021, il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti ("il-Qafas Inklużiv") laħaq qbil dwar riforma tar-regoli internazzjonali dwar it-tassazzjoni tal-profitti tal-intrapriżi multinazzjonali. L-Istati Membri kollha tal-UE esprimew l-appoġġ tagħhom għad-Dikjarazzjoni dwar Soluzzjoni b'Żewġ Pilastru Biex Jiġu Indirizzati l-Isfidi tat-Taxxa li Jirriżultaw mid-Diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Novembru 2020, il-Kunsill esprima li kien ser jibqa' jappoġġa l-ħidma tal-Qafas Inklużiv.
7. It-tassazzjoni minima effettiva, li tikkostitwixxi l-"Pilastru 2", hija bbażata prinċipalment fuq żewġ regoli ewlenin (imsejħa r-regoli "GloBE") – ir-regola ta' inklużjoni tal-introjtu (IIR) u r-regola ta' pagamenti sottontaxxati (UTPR) – li għandhom l-għan li jiżguraw li l-profitti magħmula minn gruppi multinazzjonali b'fatturat ta' mill-inqas EUR 750 miljun jiġu ntaxxati b'rata effettiva ta' mill-inqas 15 %. Skont id-Dikjarazzjoni ta' Ottubru tal-Qafas Inklużiv, il-Pilastru 2 għandu jidħol fis-seħħ fl-2023. Ir-regola tal-UTPR mistennija tidħol fis-seħħ fl-2024.

---

<sup>8</sup> Dok. 9295/22 + COR 1 + ADD 1-9.

<sup>9</sup> ĠU C 413I, 12.10.2021, p.1.

8. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u kompatibbli tar-regoli GloBE mad-dritt tal-UE, fit-22 ta' Diċembru 2021 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi multinazzjonali fl-UE li rriflettiet b'mod ġenerali, b'ċerti adattament għad-dritt tal-UE, ir-regoli mudell adottati mill-Qafas Inklużiv fl-14 ta' Diċembru 2021.
9. B'mod parallel, qed tkompli l-ħidma fuq l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tar-regoli dwar l-allokkazzjoni tad-drittijiet ta' intaxxar bejn il-ġurisdizzjonijiet ("l-Ewwel Pilastru"), sabiex tiġi żviluppata konvenzjoni multilaterali ("MLC").
10. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal direttiva fit-23 ta' Marzu 2022. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Mejju 2022.
11. Fit-18 ta' Jannar 2022, il-Kunsill ECOFIN kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva sabiex jipprovdi gwida politika għall-eżami tekniku tat-test. Dan id-dibattitu wera li l-Istati Membri kollha jaqblu li din il-kwistjoni tat-taxxa hija prijorità, u li r-regoli maqbula mill-Qafas inklużiv tal-OECD jeħtieġ li jiġu trasposti fid-dritt tal-Unjoni bl-akbar fedeltà possibbli u malajr kemm jista' jkun.
12. Mill-bidu ta' Jannar 2022, u b'kont meħud tal-gwida tal-ministri, il-Presidenza Franċiża kellha disa' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Diretta, inkluż tliet laqgħat ta' livell għoli) iddedikati għall-eżami tekniku tal-proposta għal Direttiva. Dawn il-laqgħat ippermettew, b'mod partikolari, li t-test jitqarreb b'mod sinifikanti lejn dak tar-regoli mudell tal-OECD u li jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin li għad iridu jiġu deċiżi fil-livell politiku sabiex jintlaħaq qbil dwar it-test kollu.

13. Fil-laqgħa tal-Kunsill Ecofin tal-15 ta' Marzu 2022, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri appoġġaw it-test ta' kompromess propost mill-Presidenza Franċiża. Żewġ Stati Membri appellaw għal aġġustament tal-parametri tad-deroga tranżitorja fakultattiva prevista fl-Artikolu 47a tad-Direttiva. Stat Membru wieħed iddikjara li ma setax jagħti l-kunsens tiegħu fin-nuqqas ta' rabta legali mad-dħul fis-seħħ tal-Pilastru 1 u Stat Membru wieħed żamm riżerva ta' skrutinju parlamentari.
14. B'kont meħud ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Presidenza aġġustat it-test ta' kompromess billi speċifikat id-dispożizzjonijiet tranżitorji fakultattivi u kompliet tiċċara l-obbligi ta' rapportar tal-gruppi multinazzjonali li l-kumpanija omm apikali tagħhom hija stabbilita fi Stat Membru li jagħżel temporanjament li ma japplikax l-IIR u l-UTPR (l-Artikolu 47a). Barra minn hekk, il-Presidenza ċċarat aktar l-obbligi tat-traspożizzjoni tad-direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali billi żiedet il-premessa 14b. Fl-aħħar nett, tneħħiet ir-riżerva ta' skrutinju parlamentari ta' Stat Membru wieħed.
15. Fir-rigward tar-rabta bejn iż-żewġ pilastru u b'kont meħud tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri, il-Presidenza pproponiet li d-Direttiva tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-parteciċipazzjoni tal-Istati Membri kollha fid-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Qafas Inklużiv fir-rigward tal-Pilastru 1, f'konformità mal-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni approvata f'Ottubru 2021, filwaqt li enfasizzat l-importanza tagħha u appellat lill-Partijiet l-oħra biex jirrispettaw dak l-impenn. Il-fajl ġie diskuss fil-laqgħat tal-Kunsill Ecofin ta' April u Ġunju, fejn l-Istati Membri kollha ħlief wieħed setgħu jappoġġaw it-test ta' kompromess u l-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill<sup>10</sup>.

ii. Użu ħażin ta' entitajiet fittizji

16. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (il-proposta "Unshell").<sup>11</sup>

---

<sup>10</sup> Dok. 10497/22.

<sup>11</sup> Dok. 15296/21.

17. L-objettiv tal-proposta huwa li tipprevjeni l-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa permezz ta'azzjonijiet minn impriżi mingħajr sustanza minima, u ttejjeb il-funzjonament tajjeb tas-sueq intern. Il-proposta għandha l-għan li tiġġieled kontra l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet tat-taxxa mhux xierqa u li tiżgura li l-kumpaniji fittizji fl-UE li ma jkollhom l-ebda attività ekonomika jew li jkollhom attività ekonomika minima ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġi fiskali.
18. Fis-6 ta' Jannar 2022, fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli, il-proposta ġiet ippreżentata lid-delegazzjonijiet u l-Presidenza ħabbret l-intenzjoni tagħha li tniedi d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar dan il-fajl. L-analiżi teknika tal-proposta twettqet fid-WPTQ (Tassazzjoni diretta) fil-11 ta' Marzu, fl-1 ta' April, fis-6 ta' Mejju, fit-23 ta' Mejju u fid-9 ta' Ġunju 2022. L-ewwel ċiklu ta' analiżi artikolu b'artikolu tal-proposta tlesta fit-23 ta' Mejju. Bħala prinċipju, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-objettivi tal-proposta, iżda ser tkun meħtieġa aktar ħidma teknika importanti qabel jkun fattibbli ftehim.

iii. *Kwota ta' Tnaqqis ta' Predispożizzjoni Favur id-Dejn (DEBRA)*

19. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar kwota ta' tnaqqis ta' predispożizzjoni favur id-dejn u dwar il-limitazzjoni tal-possibbiltà ta' tnaqqis tal-imgħax għall-finijiet ta' taxxa korporattiva. L-għan tal-proposta huwa li jiġi miġġieled l-inċentiv fiskali għall-kumpaniji biex jiffinanzjaw investimenti permezz ta' dejn aktar milli ekwità, minħabba l-possibbiltà li l-kumpaniji jnaqqsu l-imgħaxijiet marbuta mal-finanzjament tad-dejn, iżda mhux l-ispejjeż assoċjati mal-finanzjament tal-ekwità.
20. Il-proposta ġiet ippreżentata lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Mistoqsijiet tat-Taxxa fl-10 ta' Ġunju 2022.

## **b) Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)**

21. Filwaqt li tibni fuq il-progress li sar fil-mandati tal-Presidenzi ta' qabel<sup>12</sup>, il-Presidenza Franċiża kompliet il-ħidma fil-qasam tal-VAT, filwaqt li ħadet kont ukoll tar-riżultati, b'mod partikolari, tad-dħul fis-seħħ tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku. Informazzjoni aktar dettaljata tista' tinsab hawn taħt.
- i. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku*
22. F'Diċembru 2017, il-Kunsill adotta l-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku, li jikkonsisti f'Direttiva u żewġ regolamenti, li jistabbilixxu regoli ġodda biex jingħelbu l-ostakli għall-bejgħ transfruntier online u biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mir-reġimi tal-VAT għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u l-importazzjoni ta' kunsinni ta' valur baxx. Dawn ir-regoli ġew issupplimentati lejn tmiem l-2019 b'emenda għad-Direttiva dwar il-VAT u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, sabiex jippermettu d-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda mill-1 ta' Jannar 2021. Minħabba ċ-ċirkostanzi diffiċli tal-pandemija tal-COVID-19, id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri l-ġodda ġiet posposta għall-1 ta' Lulju 2021.
23. Fl-istess ħin, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2020 dwar pjan ta' azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru<sup>13</sup>, il-Kummissjoni ħabbret inizjattiva intitolata "VAT fl-era diġitali" bil-għan li taġġorna r-regoli tal-ekonomija kollaborattiva, timxi lejn reġistrazzjoni unika tal-VAT fl-UE, timmodernizza l-obbligi ta' rapportar tal-VAT u tiffaċilita l-fatturazzjoni elettronika.
24. Sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjoni, il-Presidenza laqqgħet il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta/VAT) fil-31 ta' Jannar 2022 biex jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku bil-ħsieb ta' aktar ħidma f'dan il-qasam. Abbażi ta' din id-diskussjoni, il-Presidenza ppreżentat lid-delegazzjonijiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan is-suġġett.

---

<sup>12</sup> Ara pereżempju d-dok. 15082/18, punti 30 sa 111; dok. 10322/18, il-punti 56 sa 100.

<sup>13</sup> Dok. 9844/20.

25. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta/VAT) eżamina dan l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Frar 2022 u ppreżenta test lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli), li fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Frar 2022 laħaq qbil dwar it-test. Il-konklużjonijiet kienu sussegwentement approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu fil-15 ta' Marzu 2022<sup>14</sup>.

ii. sistema definittiva tal-VAT

26. B'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-VAT – Lejn Żona Unika tal-VAT fl-UE tas-7 ta' April 2016, il-Kummissjoni ssuġġeriet approċċ leġislattiv f'żewġ stadji għas-sistema tal-VAT definittiva<sup>15</sup>. Il-fajl ġie diskuss fil-Kunsill taħt il-Presidenza Rumena, Finlandiża, Kroata u dik Ġermaniża.

27. L-Istati Membri jaqblu li dan id-dossier għadu jirrikjedi analiżi teknika bir-reqqa qabel ma jsiru l-għażliet ta' politika finali. Kif diġà indikat mill-Kunsill<sup>16</sup>, l-aħjar triq 'il quddiem hija li tkompli tingħata attenzjoni lill-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni u l-analiżi tal-għażliet ta' miżuri ta' akkumpanjament. Jenħtieġ titkompla l-ħidma fuq is-sistema definittiva tal-VAT filwaqt li ma tipprevjenix jew iżżomm lura l-isforzi biex tittejjeb is-sistema attwali tal-VAT.

iii. Riforma tar-rati tal-VAT

28. Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud<sup>17</sup>. L-objettiv ta' din il-proposta leġislattiva kien li tintroduċi regoli dwar l-iffissar tar-rati tal-VAT madwar l-UE, b'effett mid-dħul fis-seħħ tal-arranġamenti definittivi għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

---

<sup>14</sup> Dok. 7104/22.

<sup>15</sup> Dan l-approċċ ġie deskritt b'mod aktar dettaljat f'rapporti preċedenti, pereżempju fid-dokument 9970/21, punti 25 sa 31.

<sup>16</sup> Dok. 9970/21, punti 32 sa 39.

<sup>17</sup> Dok. 5335/18.

29. Essenzjalment, il-Kummissjoni pproponiet li:
- i) temenda r-regoli tal-UE dwar l-istabbiliment ta' rati mnaqqsa tal-VAT (eż. jiġu aboliti d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali attwali li jippermettu li jkun hemm deroga temporanja mir-regoli ġenerali; tirrevedi l-Artikolu 98 tad-Direttiva dwar il-VAT);
  - ii) tagħti lill-Istati Membri aktar libertà biex jistabbilixxu r-rati tagħhom (madankollu, l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li rata tal-VAT medja peżata tagħhom taqbeż it-12 % fi kwalunkwe ħin);
  - iii) tintroduċi "lista negattiva" ta' oġġetti u servizzi li għalihom l-applikazzjoni tar-rati mnaqqsa mhix permissibbli (minflok il-lista "pożittiva" attwali).
30. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet eżaminata matul il-mandat tal-Presidenza Bulgara, Rumena, Finlandiża, Kroata, Ġermaniża u dik Portugiża.
31. Fis-7 ta' Diċembru 2021, taħt il-Presidenza Slovena, il-Kunsill Ecofin adotta approċċ ġenerali dwar il-proposta b'bidliet sostanzjali għall-proposta tal-Kummissjoni. It-test maqbul inkluda l-preservazzjoni tal-lista pożittiva ta' oġġetti u servizzi li għalihom jistgħu jiġu applikati rati mnaqqsa – għalkemm b'għadd ta' żidiet u modifiki biex tiġi aġġornata u mmodernizzata l-lista – kif ukoll għadd ta' klawżoli ta' estinzjoni għal oġġetti li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Huwa laħaq ukoll bilanċ għaqli bejn l-għoti ta' aċċess ugwali għal derogi eżistenti u l-prevenzjoni ta' proliferazzjoni ta' rati mnaqqsa u eżenzjonijiet bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT fuq ix-xiri.
32. Wara l-qbil dwar approċċ ġenerali, il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat mill-ġdid minħabba d-differenzi sostanzjali bejn it-test maqbul fil-Kunsill Ecofin u l-proposta tal-Kummissjoni li dwarha l-Parlament Ewropew kien inizjalment ikkonsultat. Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew ipprova l-opinjoni l-ġdida tiegħu dwar il-fajl.
33. Wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, it-test ġie adottat fil-laqgħa tal-Kunsill Ecofin tal-5 ta' April 2022. Sussegwentement, id-Direttiva ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fis-6 ta' April 2022<sup>18</sup>.

---

<sup>18</sup> ĠU L 107, 6.4.2022, p. 1.

iv. Kumitat tal-VAT

34. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-għoti ta' kompetenzi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f'ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva<sup>19</sup> ("Direttiva tal-Kumitat tal-VAT"). Skont il-Kummissjoni, l-oġġettiv tal-proposta huwa li tipprovdi applikazzjoni aktar uniformi tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-VAT. Biex jinkiseb dan, il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi kumitat tal-komitoloġija li jgħin lill-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni vinkolanti permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan jagħmel it-teħid tad-deċiżjonijiet aktar effiċjenti u jiffranka lill-Qorti tal-Ġustizzja milli jkollha ssolvi kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tant frekwenti.
35. Matul id-diskussjonijiet fid-WPTQ (Tassazzjoni Indiretta) matul l-ewwel semestru tal-2021, għalkemm b'mod ġenerali l-Istati Membri setgħu jappoġġaw l-oġġettiv ġenerali tal-proposta, ħafna delegazzjonijiet esprimew ir-riżervi tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-ispustjar tas-setgħa mill-Kunsill għall-Kummissjoni u l-mixja lejn il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Xi delegazzjonijiet kienu tal-fehma li s-sistema attwali tista' titjieb, b'mod partikolari permezz tal-preżentazzjoni ta' aktar proposti għal atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ibbażati fuq l-Artikolu 397 tad-Direttiva tal-VAT.

v. Estensjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge tal-VAT

36. Fl-10 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għall-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu fakultattiv tar-reverse charge fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti oġġetti u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT.
37. L-għan tal-proposta huwa li tittawwal il-possibbiltà għall-Istati Membri, li tinsab fl-Artikolu 199a tad-Direttiva dwar il-VAT, li japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge – li jippermetti lill-Istati Membri jaħtru r-riċevitur ta' provvista bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT – biex jiġġieldu l-frodi u l-possibbiltà li jużaw il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida stabbilit fl-Artikolu 199b tal-istess direttiva biex jiġġieldu l-frodi f'każijiet speċifiċi ħafna.

---

<sup>19</sup> Dok. 14293/20.

38. Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, fejn il-proposta ntlaqgħet b'mod ġenerali. Id-delegazzjonijiet qablu li jtawlu d-durata proposta tal-estensjoni b'sena, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2026.
39. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Parlament Ewropew taw l-opinjoni tagħhom fit-23 ta' Marzu u fit-3 ta' Mejju 2022 rispettivament.
40. It-test leġiżlattiv, iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, ġie sussegwentement adottat mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2022.

vi. *Id-disa' rapport tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' reġistrazzjoni, ġbir u kontroll tal-VAT*

41. Kull tliet snin il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar il-proċeduri ta' reġistrazzjoni, ġbir u kontroll tal-VAT skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89, bil-għan li trawwem proċeduri effiċjenti u effettivi ta' amministrazzjoni tal-VAT sabiex tillimita t-telf tad-dħul.
42. Fis-7 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppubblikat id-disa' rapport tagħha, li jkopri l-perjodu 2016-2019, u sussegwentement ippreżentat ir-rapport fil-HLWP tat-12 ta' Mejju 2022, fejn id-delegazzjonijiet ħadu tiegħu.

c) **Dazji tas-sisa**

i. *Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)*

43. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)<sup>20</sup>, ("il-proposta tal-ETD").

---

<sup>20</sup> Dok. 10872/21.

44. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" <sup>21</sup>, li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett huwa magħmul minn proposti interkonnessi, li kollha għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn. Il-pakkett ikopri firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi: il-klima, l-enerġija u l-karburanti, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u l-forestrija <sup>22</sup>.
45. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-oġġettivi li ġejjin:
- il-forniment ta' qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan jinvolti l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jonqsu l-emissjonijiet;
  - il-forniment ta' qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE permezz tal-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-istruttura tar-rati, u permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fiskali mill-Istati Membri; u
  - il-preservazzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri.
46. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn l-oġġettivi jinkisbu permezz ta' tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal tassazzjoni bbażata fuq il-kontenut tal-enerġija, billi tiġi introdotta klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom u billi jiġu limitati l-inċentivi għall-użu tal-karburanti fossili. Skont din il-klassifikazzjoni, il-karburanti fossili konvenzjonali, bħaż-żejt tal-gass u l-petrol ser jiġu ntaxxati bl-ogħla rata u l-elettriku bl-aktar rata baxxa.

---

<sup>21</sup> Dok. 10849/21.

47. Fil-11 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat rapport<sup>23</sup> dwar l-evalwazzjoni tal-ETD, fejn indikat li r-regoli attwali ma jikkontribwux għall-qafas regolatorju l-ġdid u l-oġġettivi ta' politika tal-UE fil-qasam tal-klima u l-enerġija. Fil-5 ta' Diċembru 2019 il-Kunsill (Ecofin) approva konklużjonijiet dwar il-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE<sup>24</sup>, filwaqt li enfażizza r-rwol importanti tal-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni fuq l-enerġija permezz tal-ETD biex jiġi żgurati il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-Kunsill appoġġa wkoll aġġornament tal-qafas legali għat-tassazzjoni fuq l-enerġija li jikkontribwixxi għal oġġettivi usa' tal-politika ekonomika u ambjentali tal-UE. Il-konklużjonijiet talbu lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti jiġu vvalutati b'mod sħiħ f'termini tal-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom. Bi tnejn għall-proposta tal-ETD, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika<sup>25</sup>.
48. Fl-20 u fil-21 ta' Lulju 2021, fil-laqgħa informali tal-HLWP, li kien iddedikat għall-"Isfidi futuri fil-qasam tat-tassazzjoni", id-delegazzjonijiet setgħu diġà jesprimu l-fehmiet preliminari tagħhom dwar ir-rwol tat-tassazzjoni fit-tranżizzjoni ekoloġika matul is-sessjoni ta' ħidma "Aspetti ta' tassazzjoni tal-Patt Ekoloġiku". Fit-22 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tal-ETD fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2).
49. Id-diskussjonijiet tekniċi fid-WPTQ (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-Sisa/Tassazzjoni fuq l-Enerġija) tnedew fid-9 ta' Settembru 2021 meta l-Kummissjoni ppreżentat kemm il-proposta kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt.
50. Fil-HLWP tat-23 ta' Settembru 2021, il-Presidenza Slovena infurmat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali, il-ħidma pplanata u l-intenzjoni tagħha li tikseb l-akbar progress possibbli dwar dan il-fajl matul il-mandat tagħha.
51. L-eżami tekniċu tal-proposta fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-sisa/Tassazzjoni fuq l-enerġija) kompli fis-6 ta' Ottubru, l-20 ta' Ottubru, il-15 ta' Novembru u l-24 ta' Novembru 2021 b'analiżi artikolu b'artikolu. L-ewwel ċiklu ta' analiżi tal-artikoli kollha tlesta fl-24 ta' Novembru 2021.

---

<sup>23</sup> Dok. 12153/19.

<sup>24</sup> Dok. 14608/19.

<sup>25</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12227-Revision-of-the-Energy-Tax-Directive-/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12227-Revision-of-the-Energy-Tax-Directive-/public-consultation_mt).

52. Waqt l-eżami tal-proposta saru għadd konsiderevoli ta' mistoqsijiet dwar diversi aspetti tal-proposta, bħat-tranżizzjoni minn tassazzjoni bbażata fuq il-volum għal dik ibbażata fuq il-kontenut enerġetiku, l-introduzzjoni ta' klassifikazzjoni tar-rati skont il-prestazzjoni ambjentali, it-tassazzjoni ta' prodotti ġodda, l-indiċjar, u s-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu kif ukoll ir-rabtiet ma' fajls oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".
53. Fl-HLWP tal-25 ta' Novembru 2021, il-Presidenza Slovena infurmat lid-delegazzjonijiet dwar ir-riżultati tal-ħidma u tal-progress fir-rigward tal-fajl, anki fil-kuntest tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fis-7 ta' Diċembru 2021, bħala punt "A", il-Kunsill (Ecofin) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" trattati mill-Kunsill Ecofin, inkluża l-proposta tal-ETD.<sup>26</sup>
54. Fl-HLWP tas-6 ta' Jannar 2022 il-Presidenza Franċiża kompliet id-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-proposta tal-ETD billi ssuġġeriet triq 'il quddiem u kkonfermat l-impenn tagħha li tagħmel progress f'dan il-fajl. L-analiżi teknika tal-proposta twettqet fid-WPTQ (Tassazzjoni Indiretta – Dazji tas-Sisa/Tassazzjoni fuq l-Enerġija) fl-10 ta' Jannar, il-11 ta' Frar, l-10 ta' Marzu, it-8 ta' April, it-2 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2022.
55. L-analiżi kopriet il-proposta kollha wara li l-ħidma kienet maqsuma f'erba' blokok ta' suġġetti: 1) il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti taxxabbli u l-approċċ ibbażat fuq il-kontenut ta' enerġija, l-istruttura tar-rati fi tmiem il-perjodu tranżitorju, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; 2) il-livelli minimi ta' tassazzjoni u l-kontenut tal-kategoriji fiskali, l-istruttura tar-rati fl-2023, il-perjodi tranżitorji u l-indiċjar; 3) għajjnuna mill-Istat u trasport; 4) l-industrija, l-agrikoltura, is-sajd u l-unitajiet domestiċi. Abbażi tad-diskussjonijiet fid-WPTQ, il-Presidenza ppreżentat testi ta' kompromess parzjali dwar il-blokok wieħed u tnejn.
56. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill (Ecofin) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta tal-ETD<sup>27</sup>.

---

<sup>26</sup> Dok. 14574/21.

<sup>27</sup> Dok. 9874/22.

ii. *Ħwienet ħielsa mit-taxxa li jinsabu fit-terminal Franċiż tal-mina taħt il-Kanal Ingliż*

57. Fis-16 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/118/KE u d-Direttiva (UE) 2020/262 fir-rigward ta' ħwienet ħielsa mit-taxxa li jinsabu fit-terminal Franċiż tal-mina taħt il-Kanal Ingliż.
58. L-objettiv ta' din il-proposta kien li jiġi awtorizzat il-ftuħ mill-ġdid tal-ħwienet ħielsa mit-taxxa fit-terminal Franċiż taç-Channel Fixed Link wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.
59. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa.
60. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Parlament Ewropew taw l-opinjoni tagħhom fit-23 ta' Frar u fid-9 ta' Marzu 2022, rispettivament.
61. Il-Kunsill Ecofin sussegwentement adotta d-Direttiva fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' April 2022. Id-Direttiva ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fis-6 ta' April 2022.

**d) Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF)**

62. Fl-14 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji.
63. F'dan l-istadju, għaxar Stati Membri jibqgħu jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tat-TTF: l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri parteċipanti").
64. L-aspetti ewlenin tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar dan id-dossier tqassru fir-rapport preċedenti tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa<sup>28</sup>.

---

<sup>28</sup> Dok. 8891/20, punti 67-70, dok. 14863/19, punti 104-110.

65. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17-21 ta' Lulju 2020<sup>29</sup> (il-punt A29), indika li "*Fis-snin li ġejjin, l-Unjoni ser taħdem biex tirrifirma s-sistema tar-riżorsi proprji u tintroduċi riżorsi proprji ġodda. [...] ... matul il-QFP li jmiss, l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.*" F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni reċentement iċċarat li<sup>30</sup> "*jekk ikun hemm qbil dwar din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, il-Kummissjoni ser tagħmel proposta sabiex dħul minn din it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji jiġi trasferit għall-baġit tal-UE bħala riżorsa proprja. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil sa tmiem l-2022, il-Kummissjoni, abbażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt, ser tipproponi riżorsa proprja ġdida, ibbażata fuq Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji ġdida. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tagħmel dawn il-proposti sa Ġunju 2024 bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sal-1 ta' Jannar 2026.*"

## **B. KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

### *a) Kooperazzjoni amministrattiva man-Norveġja fil-qasam tal-VAT*

66. Fis-26 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-għieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud<sup>31</sup>.

---

<sup>29</sup> Dok. EUCO 10/20.

<sup>30</sup> Ara r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 (09970/2020 – C9-0409/2020 – 2018/0166(APP)), id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' Riżorsa Proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.

<sup>31</sup> Dok. 8461/22 + ADD 1.

67. L-għan tan-negozjati previsti għall-emenda tal-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT<sup>32</sup> ikun doppju:
- a) tipprovdi lill-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli u sa fejn ikun meħtieġ, għodod ġodda ta' kooperazzjoni man-Norveġja, simili għal dawk introdotti fir-Regolament 904/2010 bir-Regolament (UE) 2018/1541, u
  - b) taġġorna r-referenzi legali għad-Direttiva 95/46/KE b'referenzi għar-Regolament (UE) 2016/679.
68. Aktar dettalji jinsabu fl-abbozz ta' direttivi għan-negozjati, li ser jiġu annessi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill.
69. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Tassazzjoni Indiretta) fit-2 ta' Mejju 2022, id-delegazzjonijiet kollha setgħu jappoġġaw is-sustanza tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u tad-direttivi ta' negozjati, kif proposti mill-Kummissjoni.
70. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tan-Norveġja għall-emenda tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, kif ukoll id-direttivi ta' negozjati ġew adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2022<sup>33</sup>.

---

<sup>32</sup> ĠU L 195, 1.8.2018, p. 3.

<sup>33</sup> Dok. 8901/22 u dok. 9643/22.

b) Kooperazzjoni amministrattiva ma' pajjiżi oħra mhux tal-UE fil-qasam tal-VAT

71. Fil-laqgħa tal-HLWP tat-12 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni infurmat lid-delegazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- a) L-aspetti relatati mal-VAT tad-diskussjonijiet mar-Renju Unit fil-kuntest tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' pretensjonijiet relatati ma' taxxi u dazji;<sup>34</sup>
- b) l-istadju bikri tal-kuntatti esploratorji mal-awtoritajiet tal-Awstralja, il-Kanada, New Zealand u l-Ġappun, fir-rigward tal-possibbiltajiet għal aktar ħidma lejn kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT. Il-Kummissjoni indikat li dawn it-taħditiet esploratorji jkomplu mal-Ġappun, peress li, f'dan l-istadju, il-kuntatti mal-Awstralja, il-Kanada u New Zealand ma tawx riżultati sodisfaċenti.
- c) negozjati mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fid-dawl tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil mhux vinkolanti (qafas futur possibbli ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-UE u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fil-qasam tal-VAT)<sup>35</sup>. Il-Kummissjoni indikat li dawn in-negozjati issa jinsabu sospiżi.

---

<sup>34</sup> ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

<sup>35</sup> FI-10 ta' Marzu 2021 il-Kunsill approva, b'għadd ta' osservazzjonijiet (Dok. CM 1978/21 LIMITE, b'aktar dettalji jinsabu fid-dok. ST 6351/21 LIMITE) li l-Kummissjoni tidħol f'negozjati mal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, fid-dawl tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil mhux vinkolanti.

72. Huwa mfakkar li, fir-rigward tan-negozjar u l-konklużjoni ta' strumenti mhux vinkolanti skont id-dritt tal-UE (b'hall-Memorandum ta' Qbil imsemmi hawn fuq), u f'konformità mar-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-UE (b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) TUE), it-tfassil tal-politika jibqa' prerogattiva tal-Kunsill. Għalhekk huwa f'idejn il-Kunsill li jivvaluta jekk huwiex fl-interess tal-Unjoni li tidħol f'dawn id-diskussjonijiet (negozjati) dwar strument mhux vinkolanti possibbli. Barra minn hekk, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-660/13 (MtQ Żvizzeru), is-Segretarji Ġenerali tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna qablu, fl-2017, dwar l-Arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti.<sup>36</sup> Dawn l-Arranġamenti japplikaw għall-istrumenti mhux vinkolanti kollha irrispettivament mill-qasam ta' politika u minn min jirrappreżenta lill-Unjoni fin-negozjati mal-parti terza jew mal-partijiet terzi u irrispettivament mid-denominazzjoni jew il-forma tagħhom. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser tkompli taġġorna regolarment lill-Istati Membri dwar il-progress f'dawn in-negozjati (inkluż dwar kwalunkwe kuntatt ulterjuri ma' pajjiżi mhux tal-UE f'dan il-qasam), u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex titlob, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tal-istrument mhux vinkolanti f'isem l-Unjoni.

c) *It-titjib tal-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE bl-użu ta' strumenti ta' politika tat-tassazzjoni*

73. Fis-27 ta' April u l-25 ta' Mejju 2022, fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bil-parteċi-pazzjoni kompliċi tal-Belarussja, il-Presidenza Franċiża organizzat laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa biex jiġu eżaminati għadd ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jsegwu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom permezz ta' strumenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa.

74. L-ewwel nett, l-Istati Membri nnotaw li l-azzjonijiet mir-Russja u l-Belarussja dgħajfu serjament l-ambjent kooperattiv mal-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja fil-qasam tat-tassazzjoni skont strumenti multilaterali u bilaterali tad-dritt internazzjonali.

75. Taħt il-bidla fundamentali ta' ċirkostanzi pprovokata minn dawn l-azzjonijiet, l-Istati Membri tal-UE ddeċidew li jwaqqfu l-iskambji kollha ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa ma' dawn iż-żewġ pajjiżi.

---

<sup>36</sup> Dok. ST 15367/17.

76. It-tieni nett, l-Istati Membri tal-UE eżaminaw għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-użu ta' kooperazzjoni amministrattiva u strumenti oħra fil-qasam tat-taxxa fil-kuntest tal-infurzar tal-miżuri restrittivi.
77. L-Istati Membri tal-UE qablu li jkomplu jeżaminaw l-użu ta' skambji spontanji ta' informazzjoni dwar persuni u entitajiet deżinjati fil-lista fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 u l-istabbiliment informali ta' pjattaforma temporanja ta' kooperazzjoni ad hoc biex jiġu ffaċilitati d-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi fil-qasam tat-taxxa.
78. L-Istati Membri tal-UE ddiskutew ukoll miżuri possibbli oħra biex jappoġġaw l-effiċjenza tal-miżuri restrittivi tal-UE, bħas-suġġeriment li jiġi intensifikat l-użu tal-awditi tat-taxxa fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkati, kif adatt, kif ukoll tiġi kkoordinata informazzjoni dwar it-taxxa u talbiet għal eżamijiet tat-taxxa simultanji mill-Istati Membri tal-UE taħt l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka tal-OECD fi Kwistjonijiet tat-Taxxa (MAC) lil pajjiżi terzi, u l-valutazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja skambjata ma' pajjiżi Ewropej li mhumiex fl-UE b'mod koordinat.
79. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri tal-UE laqgħu l-appell għal attenzjoni akbar għall-possibbiltà ta' rifiżjonijiet tat-taxxa li minnhom jibbenefikaw persuni jew entitajiet fil-lista ta' persuni sanzjonati, fejn possibbli.
80. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa ser jissorvelja żviluppi ulterjuri rigward il-miżuri ta' hawn fuq, inkluż il-ħidma li qed issir fuq il-pjattaforma temporanja maħluqa mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ġunju 2022 fil-forma ta' sottogrupp dwar l-infurzar tat-taxxa fit-Task Force "Iffriżar u Sekwestru".
81. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Mejju 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ħa nota ta' din il-ħidma.

d) Programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

82. Il-programm Fiscalis għandu l-għan li jappoġġa lill-awtoritajiet tat-taxxa biex itejbu l-funzjonament tas-suq intern, irawmu l-kompetittività, jiġġieldu kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u jtejbu l-ġbir tat-taxxa. Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-HLWP ir-Rapport ta' Progress tal-Programm Fiscalis 2020<sup>37</sup> u fit-12 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-Programm Fiscalis għall-2021 lill-HLWP<sup>38</sup>. Ir-rapporti jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-progress miksub fis-snin rispettiv mill-programm Fiscalis, ir-riżultati ewlenin, il-kwistjonijiet li nqalgħu u t-tagħlimiet meħuda. L-2021 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-programm Fiscalis il-ġdid fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.
83. Fit-12 ta' Mejju, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-HLWP dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fil-programm Fiscalis.

**C. KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAT-TASSAZZJONI**

Ħidma importanti fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa (lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-taxxa) mxiet 'il quddiem, kif jidher hawn taħt.

a) Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)

84. Il-grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) iltaqa' fl-24 ta' Jannar, fis-27 ta' April u fit-2 ta' Ġunju 2022; is-sottogrupp dwar kwistjonijiet interni/esterni tlaqqa' fl-14 ta' Jannar, it-2 u s-7 ta' Frar, is-16 u l-31 ta' Marzu, il-5 u t-18 ta' Mejju 2022.
85. Ir-reviżjoni biannwali tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet approvata mill-Kunsill fl-24 ta' Frar 2022 u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-3 ta' Marzu 2022<sup>39</sup>.

---

<sup>37</sup> Dok. 6009/22.

<sup>38</sup> Dok. 8383/22.

<sup>39</sup> ĠU C 413I, 12.10.2021, p 1-4.

86. Minbarra l-ħidma tas-soltu, li hija koperta b'mod aktar estensiv fir-rapport biannwali ddedikat tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, il-Presidenza Franċiża, f'koordinazzjoni mal-President tas-COCC, wettqet diskussjonijiet orizzontali dwar għadd ta' aspetti tal-proċess tal-elenkar tal-UE, inkluż l-impatt fuq il-proċess tal-elenkar tar-rivelazzjonijiet tal-media u l-ftehim Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS dwar il-Pilastru 2.

b) *Żviluppi internazzjonali*

87. L-HLWP kien infurmat regolarment bl-iżviluppi internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-laqgħat tal-Ministri għall-Finanzi tal-G20 u l-QI tal-OECD/G20 dwar il-BEPS. Id-diskussjonijiet regolari fil-HLWP, flimkien ma' diskussjoni informali fil-livell tal-Ministri f'Settembru 2021, taw kontribut sinifikanti għall-ftehim aħħari fil-Qafas Inklużiv tal-BEPS tal-OECD/G20.

88. F'Jannar u f'Marzu 2022, l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet inġibdet lejn kwistjonijiet relatati mal-Att dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tal-Istati Uniti meta l-Presidenza Franċiża infurmat lill-HLWP dwar is-sitwazzjoni attwali tal-FATCA u ddiskutiet it-triq 'il quddiem. F'Mejju, abbażi tal-progress li sar matul it-termini tal-Presidenza preċedenti, il-Presidenza Franċiża organizzat vidjokonferenza informali mas-Servizz tad-Dħul Intern tal-Istati Uniti (IRS) u d-Dipartiment tat-Teżor dwar il-FATCA, b'enfasi fuq il-kwistjoni tal-hekk imsejħa Amerikani aċċidentali, inkluż il-problema tal-ksib ta' aktar gwida mill-IRS u mit-Teżor għall-prevenzjoni tal-għeluq tal-kontijiet bankarji tal-Amerikani aċċidentali fl-UE. F'Ġunju l-Presidenza Franċiża informat lill-HLWP dwar din il-laqgħa. Il-kuntatti mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti għadhom għaddejjin u huma ppjanati aktar laqgħat informali mal-kontropartijiet tal-Istati Uniti.

c) Taxxa f'oqsma mhux tat-taxxa (TINTA)

89. Fid-19 ta' Novembru 2013, l-HLWP qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, kompla jiżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. Il-kwistjonijiet li ġew immonitorjati mill-HLWP jinkludu: id-direttiva proposta dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, l-emenda proposta tar-regolament dwar il-manigiers ta' fondi ta' investment alternattivi u l-emenda proposta tar-regolament dwar il-fondi Ewropej tal-investment fuq terminu twil, kif ukoll id-direttiva proposta dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'xogħol fuq il-pjattaformi, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżiħ tal-iskambji interkulturali fl-ispazju Ewropew permezz tal-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali, u permezz tal-multilingwiżmu fid-dinja diġitali, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "REPowerEU: Azzjoni Ewropea konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli".

---